**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 11**

**It-Tnejn 17 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**11.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**11.01.01** Xejn

**11.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 9)**

**11.02.01** Is-Sindku John Schembri għamel korrezzjoni tal-minuti, **9.09.01** fejn "is-Sindku John Schembri kien saqsa lill-Kunsillier Frederick Aquilina jekk għamilx apoloġija. Il-Kunsillier Frederick Aquilina wieġeb li le għaliex huwa ma għamel xejn ħażin. Il-Kunsillier Frederick Aquilina baqa' jinsisti li ma jridx jitlob apoloġija. Is-Sindku John Schembri qallu li se jkun hemm konsegwenzi."

Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina, il-minuti ta' seduta **09** ġew approvati unanimament.

**11.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**11.03.01** Xejn

**11.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**11.04.01** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera li twaħħal avviż mill-Awtorita' tal-Ippjanar li se jkun qiegħed jinbena t-tieni Padel Court fejn hemm diversi nies li qed joġġezzjonaw dwar il-problema tal-parking, kif ukoll it-tneħħija ta' siġar meta l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat min-naħa ta' Luqa Saint Andrews Football Club. Għaldaqstant peress li l-Kunsill Lokali ma jafx x'effett jista' joħloq, jinsab imħasseb. Tant li ttieħed vot dwar dan il-proġett peress li l-Kunsill Lokali qatt ma ġie kkonsultat u jinsab imħasseb. Kien hemm sitta (6) li qablu li l-Kunsill irid ikun infurmat u jinsab imħasseb, filwaqt li l-Kunsillier Frederick Aquilina astjena.

**11.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**11.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar il-kwotazzjoni tal-istaffa tal-van. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li se ċċempel lil Burmarrad Commercials sabiex tinġieb din il-kwotazzjoni.

**11.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk Triq Indri Micallef hux se ssir. Is-Sindku John Schembri wieġbu li iva din it-triq se ssir u li se jsiru l-water culverts. Is-Sindku John Schembri qal li l-ewwel se jsiru t-toroq G. Trigance, Triq il-Karmnu u wara Triq Indri Micallef. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina li ladarba jkollu l-konferma li se jsiru l-water culverts, huwa se jinfurmah minnufih.

**11.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri jekk hux possibbli jsiru xi bollards fi Triq Kunsill tal-Ewropa kantuniera ma' Triq Ġanni Vassallo. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li b'hekk ikun evitat li jipparkjaw il-karozzi. Is-Sindku John Schembri qal li jridu l-permessi sabiex isiru double yellow lines u wara l-permessi ssir uffiċjali.

**11.05.04** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal lis-Sindku John Schembri li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni li ttieħdet dwar Triq l-Iskola għal Triq Sant'Andrija. Is-Sindku John Schembri qal li waqt il-ħinijiet tal-iskola l-karozzi jibqgħu għaddejjin, it-traffiku jibqa' għaddej u mhux jieqaf. Is-Sindku John Schembri qal li l-enforcement irid isir mill-Pulizija.

**11.05.05** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab lis-Sindku John Schembri sabiex isiru kaxex bojod fi Triq id-Dokkiena. Is-Sindku John Schembri infurma lill-Kunsilliera preżenti li dawn saru.

**11.05.06** Il-Kunsillier Anto Gatt staqsa lis-Sindku John Schembri dwar l-għeluq tal-pjazza fi tmiem il-ġimgħa u mhux biss waqt attivita`. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill applika għal Vjal Kulħadd u Ħal Luqa se tkun mat-tieni lott.

**11.05.07** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab lis-Sindku John Schembri biex isiru lights fejn CBR għal Triq Garibaldi sabiex ikunu jistgħu joħorġu n-nies u l-karozzi. Is-Sindku John Schembri qal li se jara x'jista' jsir.

## 11.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**11.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li l-ġimgħa l-oħra, kemm hi kif ukoll is-Sindku John Schembri ltaqgħu ma' SKENE u l-Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira fejn huma ressqu l-proposti tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell u s-Sindku John Schembri ħasbu li jkun l-aħjar li jtuhom baġit u kif jintefqu dawn il-fondi jkun f'idejhom. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti dwar din l-idea.

**11.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti dwar il-Ftehim Kollettiv li ħareġ għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li hemm tibdiliet sostanzjali fejn jidħlu gradi u pagi, pero se tkun qed tistenna direzzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

## 11.07 Korrispondenza

**11.07.01** Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali jagħtu lista ta' proġetti biex isiru xogħlijiet ta' restawr skont l-ordni ta' prominenza u jindikaw jekk hux tal-Gvern jew tal-Privat. Il-Kunsilliera qablu fuq li ġej:

1. Xelter tat-Triq Sant' Andrija – Gvern
2. Xelter – Triq tal-Karmnu ta' quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar – Gvern
3. Ċimiterju ta' Triq il-Belt Valletta – Gvern
4. Ċimiterju ta' Triq San Tumas – Gvern

## 11.08 Unaudited Financial Statements 2024

**11.08.01** L-Accountant tal-Kunsill Lokali, is-Sur Joseph Piscopo li kien preżenti waqt din il-laqgħa spjega li bħala spejjeż amministrattivi dawn baqgħu l-istess. Is-Sur Piscopo qal

li l-Kunsill bħala compliance kollox huwa up to date pero s-sena ntemmet b'deficit. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill faddal biżżejjed flus biex il-Kunsill ma jiġix fi problem finanzjarji. Is-Sur Piscopo qal li dawn l-unaudited financial statements se jkun awditjati f'April 2025. Huwa kompla jgħid li din is-sena żdiedet ukoll il-paga ta' Segretarju Eżekuttiv full time filwaqt li l-ispejjeż tal-operat, bħal bulky refuse, tipping fees u rimi ta' skart, għolew. L-accountant Joseph Piscopo sostna li bħala assi l-Kunsill Lokali għandu nofs miljun u affarijiet kapitali ma tantx inxtraw.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina dawn l-unaudited statements ġew approvati unanimament.

## 11.09 Aġġornament tal-Iskema tal-Karnival/Ġimgħa l-Kbira

**11.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astri Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li r-Risk Assessment sar u kollox kien kif suppost. Il-Kunsillier Jefrrey Scicluna ssuġġerixxa li kull min jattendi din l-attivita` jingħata Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni bħala tifkira.

**11.09.02** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li għal Ġimgħa l-Kbira l-barriers huma diġa ordnati u l-ħsieb hu li jkun hemm ammont sostanzjali ta' xemgħat fuq iz-zuntier tal-Knisja.

## 11.10 Skema Galxlokk

**11.10.01** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni tal-Galxlokk qed tkun ipproċessata u s-Sindku John Schembri se jkun qiegħed iżomm lill-Kunsilliera aġġornati ladarba jkollu aġġornament.

## 11.11 Aġġornament – Tender tal-Madonna tal-Ftajjar

**11.11.01** Is-Sindku John Schembri spjega li dan it-tender ħarġet is-sejħa għalih, b'data tal-għeluq nhar is-7 ta' Marzu 2025. Is-Sindku John Schembri qal li dan it-tender ħareġ ukoll mid-Dipartiment għall-Informazzjoni (DOI).

## 11.12 Aġġornament – Tender ta' Ħal Farruġ

**11.12.01** Is-Sindku John Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegaw lill-Kunsilliera preżenti li se jiltaqgħu mal-kuntrattur li rebaħ dan it-tender u li se jibdew ix-xogħlijiet minnufih.

## 11.13 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**11.13.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 11.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**11.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |